# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 33**

**Rikors numru 1053/13 AE**

**L-Arkitett Raymond Vassallo u martu Maria Vassallo**

**v.**

**Windsor Holdings Limited u d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Arkitett Raymond Vassallo et tal-5 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu nghad:

> "Jesponi bil-qima:
>
> "1. ILLI huwa gie infurmat bit-taxxa annessa Dok A fejn fil-kawza Rikors 842/2009, l-intimata Windsor Holdings Limited giet liberata finalment mill-osservanza tal-gudizzju;
>
> "2. ILLI l-esponent jidhirlu illi t-taxxa giet erroneament mahduma ghaliex ma kienx hemm valur involut, izda l-punt kien biss wiehed

punt ta' ligi jekk il-kumpanija Windsor Holdings Limited kellhiex locus standi, kif jigi ahjar elaborat fil-kors tat-trattazzjoni; illi l-kumpanija giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju u ghalhekk il-punt kellu jigi ntaxxat bhala punt ta' dritt u bhala punt relatat ghall-osservanza tal-gudizzju, skont it-tariffa Du E;

"3. ILLI mill-Atti imkien ma jirrizulta illi kien hemm pretensjoni mir-rikorrenti kontra Windsor Holdings Limited, liema kumpanija giet biss inkluza bhala intimata, bhala parti mill-procedura ta' l-art 402 tal-Companies Act,

"GHALDAQSTANT L-ESPONENTI jitlob bil-qima li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna r-ritassa tat-taxxa esebita."

Rat ir-risposta b'kontro-talba ta' Windsor Holdings Limited tas-6 ta' Dicembru, 2013, li permezz taghha eccepiet:

"Illi l-ewwel u qabel kollox ghandhom jigu kjamati fil-gudizzju l-konvenuti l-ohra kollha fil-kawza numru 842/2009 JZM fl-ismijiet "Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et", senjatament peress illi l-mod kif tigi ntaxxata l-vertenza odjerna aktarx sejra tinfluwixxi l-mod kif jigu ntaxxati d-drittijiet u spejjez taghhom ukoll, senjatament f'dan l-istadju s-socjetajiet TPT Limited u anke WCO Limited li wkoll gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju fl-imsemmija kawza numru 842/2009 JZM;

"Illi preliminarjament jinghad illi t-talba ta' l-Arkitett Vassallo et ghandha tigi michuda ghaliex hija infondata kemm fil-fatt u anke fid-dritt;

"Illi r-rikorrenti Vassallo qieghed jitlob li t-taxxa de quo terga' tigi mahduma skont it-Tariffa D u E. Bir-rispett kollu, it-Tariffa D titkellem biss dwar "**Drittijiet li jithallsu ghal Atti kawtelatorji u Ezekuttivi u ghal Bejgh fl-Irkant bil-Qorti fir-Registri tal-Qrati Superjuri u fil-Qrati tal-Magistrati f'Malta u f'Ghawdex, eskluza l-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja**". Ghalhekk zgur ma huwiex il-kaz illi l-kawza li ghaliha tirreferi t-taxxa de quo ghandha tigi mahduma a bazi tat-Tariffa D;

"Illi hija appuntu t-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kif del resto wiehed jista' jifhem anke min-nomenklatura taghha ("**Drittijiet li jithallsu rigward is-smigh tal-kawzi fir-Registri tal-Qrati Superjuri u fil-Qrati tal-Magistrati f'Malta u f'Ghawdex, eskluza l-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja**") li jipprovdi dwar il-mod li ghandhom jigu ntaxxati d-drittijiet dovuti lir-Registru fir-rigward tal-kawzi kontenzjuzi. Difatti l-artikolu 3 ta' l-istess Tariffa A testwalment jghid:

> ""3. (1) B'zieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2, mal-prezentata ta' xi petizzjoni, rikors jew xi att iehor tal-procedura li jkun fihom talba li biha tinbeda procedura kontenzjuza f'Qorti ta' Prima Istanza li titlob decizjoni minn Imhallef jew Magistrat, u meta d-dritt tar-registru jkun jista' jigi ntaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jigi stabbilit skont il-ligi jew mill-att innifsu, ikunu dovuti wkoll dawn id-drittijiet li gejjin:…""

"Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-intaxxar tad-drittijiet spettanti lill-avukati u prokuraturi legali tal-kontendenti ghandu ragun l-Arkitett Vassallo et li ghandu jigi applikat it-Tariffa E; Illi di fatti hija t-Tariffa E tal-istess Skeda A ta' l-istess l-Kap 12 li tipprovdi dwar kif ghandhom jigu ntaxxati d-"**Drittijiet li jithallsu lill-Avukati, Prokuraturi Legali u Kuraturi** "*ex officio*"";

"Illi l-artikolu 3 ta' l-istess Tariffa A testwalment jghid:

> ""13. Ghal kull sentenza definittiva:

| | | |
|---|---|---|
| ""(i) | dwar l-ewwel €1,164.69 jew parti minnha……………………………. | €46.59 bhala l-inqas dritt jew 10% skont liema jkun l-oghla |
| ""(ii) | dwar kull valur 'il fuq mill-ewwel €1,164.69 sa €23,293.73 ghal kull €232.94…………………………… | €6.99 |
| ""(iii) | dwar kull valur 'il fuq minn €23,293.73 ghal kull €232.94….. | 2.33 |

> ""Izda d-dritt fuq it-talbiet imsemmija fin-Nru. 7 (b) tat-Tariffa A, ghandu jkun ntaxxat fuq nofs il-massimu iffissat bil-ligi ghall-penali ikkontemplata fiha.""

"Illi ta' iktar importanza huwa l-artikolu 14 ta' l-istess Skeda (u ghalhekk dan qed jigi wkoll testwalment citat). Dan teswalment jghid:

> ""14. Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.""

"Illi ghalhekk, meta jigi biex jintaxxa kawza r-Registratur huwa obbligat li jsegwi r-regolamenti citati f'dawn l-artikoli hekk kif del resto huwa obbligat jsegwi r-regolamenti l-ohra citati fit-Tariffi fl-istess skeda;

"Illi fil-fatt, l-intenzjoni tal-legislatur tant hija cara li kull kawza ghandha tigi ntaxxata ad valorem li l-artikolu 4 tal-Iskeda A jghid:

> ""4. (1) Meta l-valur tat-talba ma jkunx cert jew likwidu, u ma jistghux jigu ntaxxati d-drittijiet skont il-paragrafu 3, il-valur tat-talba jigi ntaxxat skont ir-regoli li gejjin:…
>
> ""…
>
> ""(f) F'kawzi fejn it-talba tkun biex il-Qorti tiddikjara li l-attur ikollu xi dritt kontra xi persuna ohra, liema dritt wiehed ghandu ragonevolment jassumi li jigi segwit minn likwidazzjoni tal-ammont dovut, ukoll jekk dik il-likwidazzjoni ma tkunx giet mitluba fit-talba, l-attur ghandu, flimkien mat-talba tieghu, jissottometti dikjarazzjoni mahlufa li turi l-ammont bejn wiehed u iehor li jahseb li jkun jista' jitlob jekk jigi stabbilit id-dritt tieghu u l-valur li ghandu jigi ntaxxat ikun il-valur dikjarat mill-attur:""

"Illi fir-Rikors taghhom tal-5 ta' Novembru 2013 l-Arkitett Raymond Vassallo jghid testwalment:

> ""3. Illi mill-Atti imkien ma jirrizulta illi kien hemm pretensjoni mir-rikorrenti kontra Windsor Holdings Limited, liema kumpanija giet biss inkluza bhala intimat, bhala parti mill-procedura ta' l-Art 402 tal-Companies Act";"

"Illi flimkien mal-prezenti risposta s-socjeta` esponenti qeghda tipprezenta kopja tar-Rikors promotur tal-proceduri mertu tat-taxxa de quo (Dok. "A"). Minn dan id-dokument jirrizulta lampanti (a fol. 2 ta' l-istess) li l-Arkitett Vassallo et qed jirriklamaw danni fil-valur komplessiva hemm indikat ta' sebgha u disghin elf euro (€97,000);

"Illi mill-istess kopja tar-Rikors promotur tal-proceduri mertu tat-taxxa de quo (Dok. "A"), senjatament a fol 8 ta' l-istess jirrizulta li t-talba numru 4 ta' l-istess hija appuntu sabiex dina l-Onorabbli Qorti "tikkundanna lill-intimati jhallsu d-danni u t-telf hekk kawzati";

"Illi bir-rispett kollu mhux il-kaz li s-socjeta` esponenti giet biss inkluza bhala intimat bhala parti mill-procedura ta' l-Art 402 tal-Companies Act. It-talba ghall-likwidazzjoni tad-danni kontenuta fir-rikors promotur tal-proceduri mertu tat-taxxa de quo (vide l-anness Dok. "A") hija diretta lejn il-konvenuti **kollha** u ghalhekk ma jistax illum il-gurnata jigi l-Arkitett Vassallo u jippretendi li dan mhux il-kaz u jippretendi li d-drittijiet dovuti lis-socjeta` esponenti jigu ntaxxati bhala punt ta' ligi;

"Illi la jirrizulta lampanti li t-talba tal-Arkitett Vassallo et kontenuta fir-Rikors promotur tal-kawza numru 842/2009 JZM fl-ismijiet "Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et" hija wahda facilment kwantifikabbli fi flus u li ghalhekk kull taxxa fir-rigward ghandha tkun mahduma *ad valorem* skont il-provvedimenti legali precitati;

"Ghaldaqstant, bir-rispett kollu t-Taxxa a favur tas-socjeta` esponenti fejn din giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghandha tigi mahduma *ad valorem* u dan fuq il-valur komplessiva ta' sebgha u

disghin elf euro (€97,000) indikat mill-Arkitett Vassallo et fir-Rikors promotur tal-proceduri mertu tat-taxxa de quo (Dok. “A”);

“Salv kull dritt iehor spettanti lis-socjeta` esponenti”.

Rat ir-risposta tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali tat-23 ta’ Dicembru, 2013, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

“1. Illi din l-azzjoni hija monka in kwantu ma gietx diretta kontra kull min ghandu interess fit-taxxa skont il-ligi.

“2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-modalita ta’ kif inhadmet it-taxxa de quo hija korretta u skont il-Ligi u l-prassi f’dawn il-kazijiet b’dan illi bi zvista d-dritt kalkolat ma giex imnaqqas ghal nofs ai termini tal-artikolu 27 tat-Tariffa E.

“3. Illi l-esponenti jsostni illi fi kwalunkwe kaz huwa m’ghandux isofri ebda spejjez izda semmai jigu spejjez bla taxxa.

“4. Illi kwantu ghal meritu bil-qima jinghad illi rigward il-valur, ir-rikorrenti jghid li ma kienx hemm valur involut. It-talbiet tar-rikors li tieghu saret it-taxxa huma cari u inekwivoki: it-tieni talba hija talba ghal dikjarazzjoni dwar danni kkawzati jew telf li ghandu jigi determinat mill-Qorti, it-tielet talba hija likwidazzjoni tad-danni, u r-raba’ wahda kundanna ghal hlas. U allura huwa altru che car li t-taxxa kellha tinhadem ad valorem.

“5. Fir-rikors promotur (Nru 842/2009JZM Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et”) hemm indikati d-danni reklamati mir-rikorrent – ara para 4 tar-rikors a fol 2 tal-process fuq imsemmi li huma €30,000 + €37,000 + €10,000 + €20,000 = €97,000.

“6. Ir-rikors ta’ ritassa jkompli jghid li kull ma kien hemm huwa punt ta’ ligi peress li l-kumpanija Windsor Holdings giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju u ghalhekk kellu jigi ntaxxat bhala punt ta’ dritt. Dan mhux korrett. L-artikolu 27 tat-Tariffa E jaghmilha cara illi: “F’kaz ta’ sentenza ta’ helsien mill-osservanza tal-gudizzju, jekk is-sentenza tigi moghtija fuq eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu principali tal-kawza, jinghata lil-Avukat id-dritt stabbilit fil-paragrafu 13; f’kull kaz iehor jinghata nofs l-imsemmi dritt.”

“7. Kif inghad aktar qabel l-unika nuqqas ta’ din it-taxxa kien li bi zvista ma naghtax nofs id-dritt kalkolat.

“8. Oltre dan jigi sottomess illi anke peress li kien hemm misinterpretazzjoni tal-ammonti dovuti u dan minhabba li d-difensuri ta’ Windsor Holdings Ltd taw x’jifhem lill-esponent illi t-taxxa kellha

tinhadem fuq l-ammont ta' €66,391 pero` illum l-esponent huwa tal-fehma li t-taxxa kellha tinhadem fuq l-ammont kollu ta' €97,000 peress li mkien ma jidher min mill-intimati kellu jhallas x'hiex.

"9. Illi fir-rigward l-ahhar lanjanza tal-Perit Vassallo dwar li Windsor Holdings Ltd kienu biss fil-kawza bhala parti mill-proceduri tal-art 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji, jinghad illi t-talbiet huma kollha diretti kontra "l-intimati jew min minnhom ikkawzaw Danni, jew telf", minghajr ma gie identifikat hadd. Ghalhekk it-taxxa kellha tinhadem fuq il-valur kollu reklamat.

"10. Illi finalment jinghad ukoll illi qabel ma nfethet il-kawza l-partijiet kollha kienu ghaddejjin diskussjonijiet bil-ghan li jintlahaq ftehim izda f'daqqa wahda r-rikorrent intavola l-kawza u ghalhekk anke minn dan il-lat l-esponenti m'ghandu bl-ebda mod jigi akkollat xi spejjez.

"11. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

"Bl-ispejjez"

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Marzu, 2014, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens li, filwaqt li laqghet l-ewwel eccezzjoni tar-Registratur, cioe` li r-rikorrenti kellhom iharrku bhala intimati lill-avukat u prokuratur legali ta' Windsor Holdings Limited u laqghet ukoll l-eccezzjoni tal-intimati li t-taxxa kellha ssir *ad valorem,* cahdet it-talba tar-rikorrenti ghar-ritassa.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Mill-atti jidher li l-azzjonist tas-socjeta` Windsor Holdings Limited huma Dryad Limited (50% tal-ishma) u Parade Limited (50% tal-ishma). Fil-31 ta' Awissu 2009, ir-rikorrenti Vassallo pprezentaw rikors ai termini tal-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji (842/2009). Ir-rikors sar kontra:

"*Anthony Parlato Trigona u Ingrid Parlato Trigona, mizzewgin, Arkitett William Carbonaro u Gabriella sive Gay Carbonaro mizzewgin, Arkitett*

*Edward Micallef u Anna Micallef, mizzewgin, WCO Limited u TPT Limited, u ghal kull interess li jista' jkollhom Parade Limited, Windsor Holdings Limited, Regent Holdings Limited u Winex Holdings Limited*." (enfazi tal-qorti).

"Fil-kawza t-talbiet kienu sabiex il-qorti:-

"i. Taghti dawk ir-rimedji skond ma jidhrilha xierqa u opportuni ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386.

"ii. Tiddikjara li l-intimati jew min innhom ikkawzaw danni, jew telf patrimonjali inkluz telf ta' qliegh lir-rikorrenti;

"iii. Tillikwida d-danni.

"iv. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni.

"Meta xehed il-perit Vassallo fis-seduta tad-19 ta' Frar 2014 qal li hu ma kellux pretensjoni kontra Windsor Holdings Limited, u ta x'tifhem li kien qieghed jiddefendi l-interessi ta' dik il-kumpannija minhabba danni li sofriet. Pero' il-proceduri 842/2009 m'humiex id-derivative action[1]. Fil-fatt fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' Gunju 2011 jinghad:

> ""*Illi skond l-okkju u l-verbal quddiem l-ewwel Qorti (fol. 231) jirrizulta li r-rikorrent Vassallo mhux qed jagixxi ghan-nom u in rapprezentanza tad-diversi socjetajiet citati minnu imma qed jagixxi fil-vesti personali u qua direttur. Anke mit-talbiet jirrizulta li r-rimedju li qed jintalab huwa dak skond l-Artikolu 402 li f'dan il-kaz hu ghal dan li r-rikorrent sofra u qed isofri u mhux ghal xi nuqqas subit mill-kumpanniji. Ghalhekk mis-sustanza tal-azzjoni u tat-talbiet ghandu jirrizulta li l-azzjoni mressqa mir-rikorrent m'hjiex dik derivattiva imma dik taht l-Artikolu 402, kif qalet ukoll l-ewwel Qorti*.""

"Hu evidenti li kemm l-ewwel qorti u l-Qorti tal-Appell inkwadraw l-azzjoni proposta bhala dik kontemplata fl-Artikolu 402(1) tal-Kap. 386 li tista' ssir minn membru tal-kumpannija. Materja li llum hi gudikat.

"B'riferenza ghall-ilmenti tar-rikorrenti, il-qorti tosserva dwar l-argument tar-rikorrenti li:-

"1. Ma kienx hemm valur involut – hu veru li fis-sentenza tal-ewwel qorti kienet deciza l-eccezzjoni dwar jekk ir-rikorrenti Vassallo setghux jipproponu azzjoni taht l-Artikolu 402(1) kontra Windsor Holdings Limited. Fil-fatt il-qorti kkonkludiet li r-rikorrenti ma setghux jipproponu din it-tip ta' azzjoni ghaliex ma kienux azzjonisti taghha. Dan wassal sabiex Windsor Holdings Limited ma baqghetx parti fil-proceduri, li sal-lum ghadhom pendenti fir-rigward tal-intimati l-ohrajn. Il-qorti tikkonkludi li:-

---

[1] F'dik it-tip ta' azzjoni l-azzjonist jipprocedi fl-interess tal-kumpannija, cjoe' ghall-beneficcju tal-kumpannija u mhux fl-interess personali tal-azzjonist.

"(a) Ladarba l-konjugi Vassallo pproponew l-azzjoni kontemplata fl-Artikolu 402(1) tal-Kap. 386, ifisser li kellhom ilment dwar l-agir tal-kumpannija. Sahansitra fir-rikors li pprezentaw fil-31 ta' Awissu 2009 talbu lill-qorti sabiex jigi *"….ezaminat il-kaz favur ix-xoljiment tal-kumpanniji l-ohrajn cioe' Parade Limited u Windsor Holdings Limited*."

"(b) It-taxxa tar-Registratur trid issir fir-rigward tat-talbiet li jkunu saru fir-rikors promotur, li f'dan il-kaz jinkludu talba ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni li r-rikorrenti jghidu li sofrew. Dan irrispettivament jekk giex deciz il-meritu. Fit-talbiet relatati mad-danni li pproponew ir-rikorrenti fir-rikors 842/2009, l-ebda wiehed mill-intimati ma gie eskluz.

"2. Ma kienx hemm pretensjoni kontra Windsor Holdings Limited. Il-qorti ma taqbilx ma' din id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti. Fi proceduri li jsiru taht l-Artikolu 402(1) tal-Kap. 386, il-kumpannija hi legittimu kontradittur. Azzjonist li jipproponi dik li hi maghrufa bhala l-unfair prejudice remedy, ikun qieghed jilmenta minn agir tal-kumpannija. Procedura li hi intiza sabiex tipprotegi lill-azzjonist u mhux sabiex tipprotegi lill-kumpannija. Hu ovvju li peress li kumpannija m'hijiex persuna fizika, l-agir tal-kumpannija jkun twettaq minn persuni fizici, bhal diretturi. Ovvjament l-agir tad-direttur jissarraf f'agir tal-kumpannija. Ghalkemm f'nota li pprezentaw fit-30 ta' Jannar 2014 ir-rikorrenti qalu li kienu pprezentaw prospett ta' danni li jippretendu minghand kull parti u li "… f'dawn ma tiffigurax Windsor Holdings Limited", pero dan ma giex dikjarat fir-rikors promotur 842/2009AE. Fil-fatt it-tieni talba fir-rikors 842/2009 hi sabiex jigi dikjarat li "l-intimati jew min minnhom ikkawzaw danni, jew telf patrimonjali inkluz telf ta' qliegh…..". Dikjarazzjoni li ma teskludi l-ebda wiehed mill-intimati li tharrku, u ghalhekk jinkludu lil Windsor Holdings Limited.

"Meqjus dak li nghad hawn fuq:-

"(a) ghal dak li jirrigwarda d-dritt tar-Registru, tapplika t-tariffa A. Hu evidenti li t-taxxa kellha ssir ad valorem meqjus li fir-rikors promotur intalab likwidazzjoni u kundanna hlas ta' danni. L-intaxxar isir skond il-paragrafu 4(f) tat-Tariffa A.

"(b) ghal dak li jirrigwarda d-dritt tal-avukat u prokuratur legali japplikaw paragrafi 13 u 27 tat-Tariffa E[2]. Billi d-decizjoni tal-ewwel tlett eccezzjonjiet ta' Windsor Holdings Limited ma kienux jitrattaw il-meritu principali tal-kawza, mella t-taxxa kalkolata ad valorem kellha tkun biss ta' nofs.

[2] Paragrafu 27 tat-Tariffa E jipprovdi: "F'kaz ta' sentenza ta' helsien mill-osservanza tal-gudizzju, jekk is-sentenza tigi moghtija fuq eccezzjonjiet li jolqtu l-meritu principali tal-kawza, jinghata lill-Avukat id-dritt stabbilit fil-paragrafu 13; f'kull kaz iehor jinghata nofs l-imsemmi dritt.".

"Fil-kors tal-process issemma wkoll jekk it-taxxa ad valorem kellix issir fuq is-somma ta' Ewro97,000[3] jew somma inferjuri. Fil-fehma tal-qorti dan m'huwiex rilevanti ghall-ezitu tal-proceduri kif proposti mir-rikorrenti ghaliex kif inghad hawn fuq, l-ilment taghhom, kif gie spjegat fir-rikors promotur hu limitat fuq zewg kawzali:-

"(a) Il-punt deciz kellu jigi ntaxxat bhala punt ta' dritt u mhux ad valorem.

"(b) Ma saret l-ebda pretensjoni kontra Windsor Holdings Limited.

"Fil-fehma tal-qorti din id-decizjoni ghandha tikkunsidra biss l-ilmenti tar-rikorrenti kif proposti fir-rikors promotur, u mhux dwar materji ohra li ma ssemmewx.

"Fl-ahharnett il-qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

"(a) peress li fit-taxxa tar-registratur hemm ukoll id-dritt tal-avukat u prokuratur legali li kienu qeghdin jirraprezentaw lil Windsor Holdings Limited fil-proceduri, dawn kellhom jigu mharrkin peress li bla dubju ghandhom interess.

"(b) ma taqbilx mal-kumpannija intimata li l-intimati l-ohra fil-kawza kellhom jitharrku, gialadarba din il-procedura qeghda tindirizza taxxa li nharget dwar spejjez gudizzjarji ta' Windsor Holdings Limited. Il-partijiet l-ohra ma jissemmewx. Pero' jekk hassew li kellhom xi interess setghu facilment jitolbu li jintervjenu fil-proceduri u mhux sempliciment jipprezentaw nota (fol. 21) meta m'humiex parti. Ghalhekk il-qorti tordna l-isfilz tan-nota prezentata fis-6 ta' Dicembru 2014 mill-konjugi Parlato Trigona, Carbonaro, Micallef, WCO Limited, TPT Limited, Parade Limited, Regent Holdings Limited u Winex Holdings Limited."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Raymond Vassallo et, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talbu li din il-Qorti thassar, tirrevoka, tannulla, u tirriforma d-decizjoni ta' ritassa tas-17 ta' Marzu 2014, u minflok filwaqt li tichad it-talbiet tal-intimati, tilqa' t-talbiet attrici, previa kull ordni jew provvediment li din il-Qorti joghgobha taghti, jew f'kaz li

[3] Il-qorti tillimita ruhha biex tghid li fir-rikors promotur, ir-rikorrenti ddikjaraw li "…. d-danni u l-perditi reklamati huma: …… (30,000)…. (37,000)…. (10,000)…. (20,000))".

tikkonferma s-sentenza appellata, kif irriteniet l-ewwel Qorti fir-ragunament taghha, u kif ammetta l-istess Direttur Qrati Civili u Tribunali, id-drittijiet professjonali ghandhom jitnaqqsu bin-nofs.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Windsor Holdings Limited, li permezz taghha sahqet li l-appell tal-konjugi Vassallo ghandu jigi michud u d-decizjoni ghandha tigi kkonfermata fl-interita` taghha. Bl-ispejjez.

Rat li ghalkemm id-Direttur Qrati Civili u Tribunali gie debitament notifikat bir-rikors tal-appell, ma ressaq ebda risposta.

Semghet id-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in ezami u rat li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-azzjoni tal-appellanti hija wahda ta' ritassa tat-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti, wara s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Gunju, 2011, fil-kawza fl-ismijiet **Arkitett Raymond Vassallo et v. Anthony Parlato Trigona et**, li ggib referenza 842/2009. Tali azzjoni fejn tigi attakkata taxxa ta' spejjez gudizzjarji, hija kontemplata fl-Artikolu

64(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). L-appellanti jressqu l-pretensjonijiet taghhom fuq zewg premessi ewlenin, cioe` (i) il-fatt li s-socjeta` Windsor Holdings Limited giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju huwa punt ta' dritt, li dwaru ma kien hemm ebda valur involut; u fi kwalunkwe kaz, (ii) ir-rikorrenti ma kellhom ebda pretensjoni fil-konfront tas-socjeta` Windsor Holdings Limited *per se.*

L-ewwel Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti ghar-ritassa stante li qablet mal-eccezzjoni moghtija mill-intimati fis-sens li t-taxxa kellha ssir *ad valorem,* filwaqt li rriteniet li l-avukati u l-prokuratur legali tas-socjeta` Windsor Holdings Limited kellhom jitharrku bhala intimati fl-istess kawza.

L-appellanti konjugi Vassallo hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u ressqu l-appell odjern li huwa msejjes fuq tliet aggravji: (1) in-nuqqas tal-partijiet kollha ma kellux ikun bazi li tigi michuda talba fil-mertu; (2) l-ewwel Qorti zbaljat meta kkonsidrat li t-talba kienet *ad valorem* mentri kienet kwistjoni ta' dritt u *locus standi* ta' Windsor Holdings Limited; u (3) wara li fil-korp tas-sentenza accettat illi d-drittijiet professjonali kellhom jigu dimezzati, cahdet it-talba ghar-ritassa minghajr ebda kwalifika.

Permezz tar-risposta taghha, is-socjeta` appellata Windsor Holdings Limited, filwaqt li sahqet li d-decizjoni tas-17 ta' Marzu, 2014, fl-ismijiet premessi hija wahda gusta, sostniet ukoll li mhux permess li jsir appell minn decizjoni moghtija mill-Qorti kompetenti a tenur tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12. Dan meta ssostni li l-procedura taht l-Artikolu 64 hija wahda *sui generis,* li tinbeda permezz ta' rikors minflok rikors guramentat u l-artikolu in kwistjoni ma jaghmel ebda provvediment ghal appell.

Jigi pprecizat mal-ewwel li din il-Qorti ma taqbilx ma' din it-tezi tas-socjeta` appellata. Jinghad biss li fejn il-legislatur xtaq jipprovdi li ma jkunx hemm appell minn sentenza jew decizjoni tal-Qorti, dan sar b'dispozizzjoni espressa tal-ligi, kif jirrizulta minn harsa lejn l-Artikoli 227 u 228 tal-Kap. 12. Kwindi mhux ser tqis ulterjorment dan l-argument, in kwantu ma jregix.

Trattat dan il-punt, imiss li jigu trattati l-aggravji tal-appellanti. Fl-ewwel aggravju taghhom, l-appellanti jikkontendu li jekk kien hemm xi partijiet li ma gewx originarjament citati, l-ewwel Qorti ma messhiex cahdet it-talba minghajr ma kkonsidrat it-talba ghall-kjamata in kawza ta' partijiet ohra mressqa mis-socjeta` Windsor Holdings Limited. Wara kollox, il-partijiet interessati kienu prezenti u rapprezentati ghalkemm mhux formalment u ghalhekk f'rikors ghal ritassa, ir-rikorrent ghandu jigi mistieden jindirizza

dan il-punt fil-proceduri u mhux semplicement jigi michud fuq nuqqas ta' prezenza tal-partijiet kollha.

Ghandu jinghad mal-ewwel, li din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-ewwel aggravju tal-appellanti. Jibda billi jigi pprecizat, kif gustament osservat mill-ewwel Qorti, li kuntrarjament ghal dak eccepit mis-socjeta` intimata Windsor Holdings Limited, l-intimati l-ohra fil-kawza li ggib referenza 842/2009, ma kellhomx jitharrku, ladarba din il-procedura titratta l-ispejjez gudizzjarji ta' Windsor Holdings Limited, li l-appellanti gew ikkundannati jhallsu l-ispejjez taghha. Fi kwalunkwe` kaz, il-partijiet l-ohra setghu facilment jitolbu li jintervjenu fil-proceduri, ladarba huma stess ipprezentaw nota fl-atti tal-kawza.

Izda mhux l-istess jista' jinghad fil-kaz tal-avukat u l-prokuratur legali tas-socjeta` intimata Windsor Holdings Limited. Dana peress li kif gie ritenut drabi ohra, f'kawza ta' ritassa ta' drittijiet, id-difensuri ghandhom interess, u hemm lok li jigu msejhin fiha. Inoltre d-dispozizzjonijiet tal-ligi dwar l-integrazzjoni tal-process huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu derogati, lanqas bil-volontà tal-partijiet. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Ottubru, 1935, fil-kawza fl-ismijiet **Maria Concetta Libreri v. Edgar Staines noe,** kif ukoll dik aktar recenti tal-5 ta' Gunju, 2003, dil-kawza fl-ismijiet **Albert Bezzina Wettinger v. Ir-Registratur tal-Qorti et.**) Wara kollox l-istess ligi fl-Artikolu 64 (2) tal-

Kap. 12 tipprovdi li: "*Ir-rikorrent ghandu jara li kopja tar-rikors ghandha tigi notifikata lil kull min ikollu interess fih*…" – Interess li certament jissusisti fil-kaz tad-difensuri tas-socjeta` intimata Windsor Holdings Limited, ladarba t-taxxa in kontestazzjoni tinkludi wkoll id-drittijiet li ghandhom jithallsu l-istess difensuri tas-socjeta` appellata.

Isegwi li l-ewwel Qorti ma setghetx hlief tilqa' l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali; kwindi l-ewwel aggravju tal-appellanti, ma jistax jirnexxi.

Fit-tieni aggravju taghhom, l-appellanti jikkontendu li kif jirrizulta min-nota taghhom ipprezentata f'Jannar, 2014, Windsor Holdings Limited giet inkluza fir-rikors 842/2009, purament ghall-finijiet tal-integrita` tal-gudizzju. Jishqu li l-ewwel Qorti zbaljat meta ttrattat il-punt ta' liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju, bhala sitwazzjoni li tigi ntaxxata *ad valorem,* peress li huma qatt ma kellhom pretensjoni kontra Windsor Holdings. Inoltre jinghad minnhom li din il-Qorti kienet iddecidiet biss il-*locus standi* taghha u mhux il-mertu tal-kawza, li kellhom jinzammu distinti u mhux kif iddecidiet l-ewwel Qorti.

Fir-rigward ta' dan it-tieni aggravju, jibda billi jigi osservat li ghalkemm l-appellanti jikkontendu li ma kellhom ebda pretensjoni fil-konfront tas-socjeta` Windsor Holdings Limited, minn qari tar-rikors promotur tal-

proceduri li jgibu referenza 842/2009, dan ma jirrizultax, peress li meta l-appellanti ccitaw numru ta' intimati f'dawk il-proceduri, inkluz Windsor Holdings Limited, fit-talbiet taghhom kien hemm inkluz li l-intimati jew min minnhom ikkawzaw danni, jew telf patrimonjali inkluz telf ta' qliegh lir-rikorrenti, likwidazzjoni ta' danni u li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu d-danni. Kwindi t-talba tar-rikorrenti saret fil-konfront tal-intimati kollha, minghajr ebda distinzjoni.

Din il-Qorti ezaminat mhux biss in-nota li pprezentaw l-appellanti fit-30 ta' Jannar, 2014, izda l-process kollu, inkluz il-kopja tar-rikors ipprezentat fil-proceduri li jgibu referenza 842/2009, is-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Gunju, 2011, kif ukoll ix-xhieda li tressqet fil-proceduri odjerni. Fin-nota msemmija mill-appellanti jiccitaw bhala applikabbli ghall-kaz in ezami, l-Artikolu 15(a) tat-Tariffa E, u mhux l-Artikoli 13 jew 14 tal-istess Tariffa.

Jitqies opportun li f'dan l-istadju jigu ezaminati l-paragrafi relativi tat-tariffa E li jirregolaw l-intaxxar ta' drittijiet li jithallsu lill-avukati. Paragrafu 13 tat-Tariffa E tal-Iskeda A jipprovdi ghall-kazijiet ta' sentenzi definittivi fejn jirrizulta li hemm valur, kwindi jahseb ghal dawk il-kawzi li huma taxxabbli *ad valorem:*

> ***"13.** Ghal kull sentenza definittiva:*
>
> *"(i) dwar l-ewwel €1,164.69 jew parti minnha .................€46.59 bhala l-inqas dritt jew 10% skont liema jkun l-oghla*

*"(ii) dwar kull valur 'il fuq mill-ewwel €1,164.69 sa €23,293.73 ghal kull €232.94 ................................... €6.99*

*"(iii) dwar kull valur 'il fuq minn €23,293.73 ghal kull €232.94 ............................. €2.33*

*"Izda d-dritt fuq it-talbiet imsemmija fin-Nru. 7 (b) tat-Tariffa A, ghandu jkun intaxxat fuq nofs il-massimu ffissat bil-ligi ghall-penali ikkontemplata fiha."*

Filwaqt li l-paragrafi 14 u 15 (a) tal-istess Tariffa E jipprovdu:

*"**14.** Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat, jew determinabbli skont il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabilit."*

***"15.** (a) Ghal kull dikjarazzjoni ohra mehtiega li jkun fiha d-decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt ..................................minn €23.29 sa € 232.94"*

Trattati l-provvedimenti tal-ligi relattivi, meta jigu applikati ghall-fatti tal-kaz, minn ezami tar-rikors promotur fil-kawza 842/2009, jirrizultaw elenkati d-danni reklamati mill-appellanti taht paragrafu numru 4 ammontanti ghal €97,000. Fil-fatt, mix-xhieda ta' Emanuel Sciriha, dak iz-zmien fil-kwalita` tieghu ta' Assistent Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, jinghad li t-taxxa nhadmet fuq is-somma ta' €66,391 mentri kellha fil-fatt tinhadem fuq il-figura ta' €97,000. B'dan illi jippreciza wkoll:

*"F'dan ir-rigward kellu japplika ghal paragrafu 27 E tat-tariffa, korrezzjoni Tat-Tariffa E paragrafu 27. Il-Perit Vassallo kien qed jinsisti ukoll li l-kaz kien punt ta' ligi. U ghalhekk ma kellux jigi ntaxxat ad valore. Min-naha taghna bqajna ninsistu li t-taxxa kellha tigi kkalkulata ad valore imma accettajna li ghandu jkun hemm riduzzjoni fl-ammont minhabba li kif ghidt l-intimata giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju u ma nghatat l-ebda decizjoni fil-mertu fil-konfront taghha."*

Relevanti f'dan il-kuntest, hija s-sentenza ta' din il-Qorti (sede inferjuri) tal-15 ta' Lulju, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Avukat Dottor Carmelo Galea v. Silvio Zammit et,** fejn inghad is-segwenti:

> *"t-tassazzjoni ta' kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni, mhux fis-sens limitat ghas-semplici inkartament, izda fis-sens tal-oggett taghha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jigi ragonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni tal-istess kawza, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jigi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jigu proposti jkunux akkolti jew michuda" ("Avv. Dr. Giuseppe Pace et -vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et", Prim' Awla, Qorti Civili, 1 ta' Ottubru, 1948). Ugwalment, gie ritenut illi "meta l-massa litiguza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem "Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Frar, 1951). Dejjem fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "Leslie Grech nomine -vs- Frank Abela et", Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Jannar, 2002 u "Loris Bianchi et -vs- Dottor Victor Borg Costanzi nomine", Appell Civili, 17 ta' April, 1978;"*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ladarba l-valur tad-danni reklamati mill-appellanti jirrizultaw daqstant cari mir-rikors promotur fil-kawza 842/2009, fil-fehma ta din il-Qorti, ghamel sew id-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali li hadem it-taxxa *ad valorem* peress li l-pretensjoniet tal-appellanti f'dawk il-proceduri jirrizultaw mit-talbiet taghhom fl-istess kawza. Kwindi huma l-paragrafi 13 u 14 tat-Tariffa E, li japplikaw ghall-kaz in ezami u mhux il-paragrafu 15, kif jikkontendu l-appellanti. Jigi pprecizat biss li t-taxxa in kontestazzjoni hija dik esebita a fol. 59 tal-process u mhux dik esebita mar-rikors promotur, dan kif spjegat fix-xhieda tal-istess perit Raymond Vassallo. U minn din l-istess taxxa jirrizulta li, huwa probabbli li d-drittijiet tal-avukat u l-prokuratur legali

effettivament inhadmu fuq il-valur ta' €97,000 (u mhux dak ta' €66,391). Kwindi salv dak li ser jinghad taht l-ahhar aggravju, jirrizulta li ttiehed il-valur korrett.

Ghalhekk lanqas dan it-tieni aggravju ma jimmerita li jintlaqa' u ser jigi michud.

Jonqos li jigi trattat l-ahhar aggravju tal-appellanti, dak fejn jinghad li ghalkemm l-ewwel Qorti accettat fir-ragunament li kien hemm bzonn ta' korrezzjoni, madankollu cahdet it-talbiet attrici. Mentri l-appellanti jikkontendu li ladarba hija waslet ghall-konkluzjoni fil-mertu li t-taxxa kienet zbaljata, mhux kompatibbli s-sentenza fejn cahdet it-talbiet taghhom minghajr kondizzjoni.

Fil-verita` din il-Qorti taqbel mal-appellanti fuq dan l-aggravju. Importanti f'dan ir-rigward huwa paragrafu 27 tal-istess Tariffa E tal-Iskeda A, li jipprovdi:

> *"**27**. F'kaz ta' sentenza ta' helsien mill-osservanza tal-gudizzju, jekk is-sentenza tigi moghtija fuq eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu principali tal-kawza, jinghata lill-Avukat id-dritt stabbilit fil-paragrafu 13; f'kull kaz iehor jinghata nofs l-imsemmi dritt."*

Din il-Qorti kellha cans tinvesti dan il-punt recentement fis-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Adam Ahmed Gismalla noe v. BH International Ltd et** fejn proprju qalet is-segwenti:

> *"Huwa al kwantu car li l-ligi, permezz tal-paragrafu 27 tat-Tariffa E, taghmel distinzjoni bejn helsien fuq l-eccezzjonijiet li jolqtu l-mertu principali u eccezzjonijiet li ma jolqtux il-mertu. ... Kif kellha okkazzjoni tirrileva din l-istess Qorti, meta l-kliem tal-ligi huwa car, ma hemm lok li tinghata ebda interpretazzjoni. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Novembru, 2018, fil-kawza fl-ismijiet Joseph Abela et v. Kummissarju tal-Artijiet). Ladarba s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju, 2013, li taghha kienet qeghda tintalab ir-ritassa, kienet deciza fuq eccezzjoni li ma tolqotx il-mertu, ghamel sew ir-Registratur appellant li intaxxa d-drittijiet bin-nofs, kif wara kollox tipprovdi l-ligi."*

Hekk ukoll f'dan il-kaz ladarba permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Gunju, 2011, is-socjeta` Windsor Holdings Limited giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju, mhux fuq il-mertu, izda fuq l-ewwel tliet eccezzjonijiet, dan tabilhaqq ifisser li l-kaz jinkwadra ruhu perfettament fil-parametri tal-paragrafu 27 hawn qabel citat. Dan, wara kollox huwa ammess, kemm fl-istess risposta tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali, kif jirrizulta mit-tieni eccezzjoni tieghu, kif ukoll mix-xhieda ta' Emanuel Sciriha. Ladarba din il-materja kienet proprju suggett ta' eccezzjoni tad-Direttur intimat, din il-Qorti ma taqbilx mas-socjeta` appellata meta fir-risposta taghha tghid li provvediment tal-Qorti f'dan ir-rigward ikun wiehed *ultra petita.* Wara kollox tali provvediment xorta jaqa' fil-kuntest tat-talba tar-rikorrenti ta' ritassa. Interpretazzjoni differenti tfisser li taxxa li nhadmet hazin tista' tinghata l-effett ta' titolu ezekuttiv, li jsarraf mhux biss fi zball, izda ingustizzja.

Isegwi li l-appellanti ghandhom ragun fuq dan il-punt u ghalhekk dan l-aggravju ser jintlaqa' u din il-Qorti ser taghti l-provvediment opportun.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konjugi Vassallo, billi tilqa' l-istess limitatament fis-sens li filwaqt li : (i) tikkonferma s-sentenza appellata tas-17 ta' Marzu, 2014, fl-ismijiet premessi, in kwantu r-rikorrenti kellhom iharrku wkoll bhala intimati lill-avukat u lill-prokuratur legali ta' Windsor Holdings Limited u li t-taxxa in kontestazzjoni kellha tinhadem *ad valorem;* (ii) tirriforma l-istess sentenza u tipprovdi li thassar it-taxxa in kwistjoni, filwaqt li d-Direttur appellat ghandu jahdem it-taxxa mill-gdid, sabiex jittiehed kont tal-provvediment fil-paragrafu 27 tat-Tariffa E, tal-Iskeda A, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu in kwantu ghal zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mir-rikorrenti appellanti u terz ($^{1}/_{3}$) mis-socjeta` appellata Windsor Holdings Limited.

Joseph Azzopardi
Prim Imhallef

Joseph R. Micallef
Imhallef

Tonio Mallia
Imhallef

Deputat Registratur
rm